

Brussell, 29 ta' Marzu 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0084(COD)**

7670/22
ADD 2

CSC 128
CSCI 45
CYBER 100
INST 99
INF 40
CODEC 385
IA 34

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 119 final - Annex 2
Suġġett:	ANNES tal-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 119 final - Annex 2.

Mehmuż: COM(2022) 119 final - Annex 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2022
COM(2022) 119 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-
Unjoni**

{SWD(2022) 65 final} - {SWD(2022) 66 final}

ANNEX II

Proċeduri għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tal-aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (IKUE)

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) "Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal" jew "PSC" tfisser dikjarazzjoni minn awtorità rilevanti ta' Stat Membru li ssir wara t-tmiem ta' investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa mill-awtorità kompetenti u li tiċċertifika li individwu jista' jingħata aċċess għal IKUE sa livell speċifikat (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew oġhla) għal perjodu ta' żmien stabbilit;
- 2) "Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal" tfisser ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti li tistabbilixxi li individwu għandu approvazzjoni tas-sigurtà valida jew approvazzjoni ekwivalenti jew awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE sa livell speċifiku (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew oġhla), il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni ta' sigurtà rilevanti, u d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat innifsu.

Għoti ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE

1. L-Awtorità tas-Sigurtà tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat trid titlob kunsens bil-miktub mingħand l-individwu għall-proċedura tal-approvazzjoni tas-sigurtà qabel ma jintbagħat kwestjonarju komplut dwar l-approvazzjoni tas-sigurtà lill-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-applikant.
2. Jekk istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tasallu informazzjoni rilevanti għal investigazzjoni ta' sigurtà b'rabta ma' individwu li jkun applika għal approvazzjoni tas-sigurtà biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità tas-Sigurtà kompetenti, li taġixxi f'konformità ma' dan ir-Regolament, trid tinnotifika l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti b'dan.
3. Wara li l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti tinnotifika l-valutazzjoni globali tas-sejbiet tal-investigazzjoni ta' sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti:
 - (a) tista' tagħti awtorizzazzjoni lill-individwu kkonċernat biex jaċċessa l-*IKUE* sal-livell rilevanti għal perjodu ta' żmien limitat, sa fejn l-investigazzjoni ta' sigurtà tikkonkludi dwar il-lealtà, il-fiduċja u l-kredibbiltà tal-individwu;
 - (b) trid tinnotifika lill-applikant meta l-investigazzjoni ta' sigurtà ma tirriżultax f'tali garanzija, f'konformità mar-regoli interni rilevanti tagħha.
4. Jekk l-individwu jibda s-servizz 12-il xahar jew aktar wara d-data tan-notifika tar-riżultat tal-investigazzjoni ta' sigurtà, jew jekk ikun hemm waqfa ta' 12-il xahar fis-servizz tal-individwu, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti għandha titlob konferma mingħand l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti dwar il-validità tal-approvazzjoni tas-sigurtà.

Sospensjoni u rtirar tal-awtorizzazzjoni

5. Jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni kkonċernat isir jaf b'riskju għas-sigurtà tal-informazzjoni li ġej minn individwu li għandu awtorizzazzjoni biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandha tinnotifika l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti b'dan u tista' tissospendi l-aċċess tal-individwu għall-*IKUE* jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għall-*IKUE*.

6. Jekk Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali tinnotifika lill-istituzzjoni jew korp rilevanti li ma għadx hemm assigurazzjoni għal individwu li għandu aċċess għal IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat trid tirtira l-awtorizzazzjoni ta' sigurtà tagħha u teskludi lill-individwu mill-aċċess għal IKUE f'konformità mar-regoli interni rilevanti tagħha.

Tiġdid tal-awtorizzazzjoni

7. Wara l-għoti inizjali ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà u dment li l-individwu kellu servizz mingħajr interruzzjoni f'istituzzjoni jew korp tal-Unjoni u għandu hteġa kontinwa li jaċċessa IKUE, l-awtorizzazzjoni għall-aċċess ta' IKUE trid tiġi rieżaminata għat-tiġdid qabel ma tiskadi.
8. L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat tista' testendi l-validità tal-awtorizzazzjoni tal-aċċess għal IKUE għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, jekk ma tasal l-ebda informazzjoni negattiva mill-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti jew minn awtorità nazzjonali kompetenti oħra fi żmien xahrejn mid-data tat-trażmissjoni tat-talba għal tiġdid u tal-kwestjonarju korrispondenti dwar l-approvazzjoni.
Jekk, malli jgħaddi l-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-investigazzjoni ta' sigurtà tkun għadha ma tlestietx, l-individwu ma għandux jiġi assenjat għal dmirijiet li jirrikjedu approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal.
9. L-individwu kkonċernat irid jieħu kors ta' aġġornament dwar it-trattament u l-ħżin tal-IKUE kull darba li tiġġedded l-approvazzjoni tas-sigurtà.

Awtorizzazzjoni tas-sigurtà temporanja eċċezzjonali

10. L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernati tista' eċċezzjonalment tagħti awtorizzazzjoni temporanja għall-aċċess ta' IKUE, dment li l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali kompetenti tkun wettqet kontroll preliminari, fuq il-bażi tal-kwestjonarju tas-sigurtà komplut u trażmess, biex tivverifika li ma tkun magħrufa l-ebda informazzjoni negattiva rilevanti.
11. L-awtorizzazzjoni temporanja għall-aċċess għall-IKUE tkun valida għal perjodu li ma jaqbix is-sitt xhur u ma tippermettix aċċess għall-informazzjoni kklassifikata bħala TRES SECRET UE/EU TOP SECRET.
12. Wara li jirċievu t-tgħarrif f'konformità mal-Artikolu 26, l-individwi kollha li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni temporanja biex jaċċessaw IKUE jridu jirrikonoxxu bil-miktub li huma fehmu l-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tal-IKUE, u l-konsegwenzi jekk l-IKUE tiġi kompromessa. L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernati għandha żżomm rekord tar-rikonoxximent bil-miktub.

Esperti nazzjonali ssekondati ma' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni

13. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jridu jiżguraw li l-esperti nazzjonali ssekondati lilhom għal pożizzjoni li teħtieġ approvazzjoni tas-sigurtà jippreżentaw, qabel ma jibdeu l-inkarigu tagħhom, Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal jew Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal validu, skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali, lill-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti. Dment li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1) jiġu ssodisfati, l-Awtorità ta' Sigurtà tista' mbagħad tagħti awtorizzazzjoni għal aċċess għal IKUE sa livell ekwivalenti għal dak imsemmi fl-approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali, b'validità massima mhux itwal mit-tul ta' żmien tal-kollokament tagħhom.

Aċċess għal laqgħat klassifikati

14. Fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn għandha tiġi diskussa informazzjoni klassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew oġġla, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-parteċipanti kollha jingħataw approvazzjoni tas-sigurtà jew li l-istatus tagħhom ta' awtorizzazzjoni tas-sigurtà jkun magħruf.
15. Fuq il-bażi tar-rekords għall-aċċess għall-İKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat tista' toħroġ Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal lil individwu meta dan ikun meħtieġ biex jattendi laqgħat barra minn dik l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni. Iċ-Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal irid juri l-livell tal-İKUE li individwu jista' jingħata aċċess għaliha (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew oġġla), id-data ta' validità tal-awtorizzazzjoni rilevanti għall-aċċess għal İKUE, u d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat innifsu.